

Brussell, 13 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13918/25

COH 189
SOC 659
CADREFIN 252
POLGEN 159

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-evalwazzjoni ta' REACT-EU
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 634 final.

Mehmuż: COM(2025) 634 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2025
COM(2025) 634 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-evalwazzjoni ta' REACT-EU

Werrej

1.	INTRODUZZJONI	1
2.	KUNTEST	1
3.	INDIRIZZAR TAL-ĦTIĠIJET RELATATI MAL-KRIŻIJET	2
4.	RISPONS EFFETTIV U RAPIDU GĦALL-KRIŻIJET	3
5.	RISPONS KOORDINAT GĦALL-KRIŻIJET.....	7
6.	VALUR MIŻJUD TA' AZZJONI MILL-UE	9
7.	KONKLUŻJONIJET	10
	LISTA TA' REFERENZI.....	12

1. INTRODUZZJONI

L-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU, Recovery Assistance for Cohesion and the Territories of Europe)¹ ġiet introdotta fl-2020 bħala parti mill-inizjattiva **Next GenerationEU**. Din kienet tirrappreżenta **riżorsi addizzjonali għall-Istati Membri u għar-reġjuni u kienet imfassla biex ittaffi l-impatti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija**, filwaqt li tappoġġa **l-oġettivi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE**. Fl-2022, il-kamp ta' applikazzjoni ta' REACT-EU ġie estiż biex jappoġġa r-rispons għall-kriżi tar-refuġjati Ukreni, u fl-2023, ġie estiż aktar biex jindirizza l-impatti tal-kriżi tal-enerġija.

REACT-EU għabet riżorsi addizzjonali ta' EUR 50,6 biljun u kienet żieda għall-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 li diġà għaddejjin appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), kif ukoll mill-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD, Fund for European Aid to the Most Deprived) u l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI, Youth Employment Initiative). Dan l-approċċ għen biex dawn ir-riżorsi addizzjonali jiġu pprogrammati u implimentati malajr. Dawn setgħu jintużaw sa tmiem l-2023, kif diġà kien il-każ għall-allokazzjonijiet oriġinali. Dan il-finanzjament kien jikkostitwixxi t-tieni l-akbar sehem ta' Next Generation EU.

Ir-Regolament REACT-EU² jirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'evalwazzjoni tal-istrument. Dan ir-rapport jibni fuq studju ta' appoġġ dwar ir-rispons tal-FEŻR għall-kriżijiet ("studju ta' appoġġ dwar ir-rispons għall-kriżijiet") u l-istudju ta' appoġġ tal-evalwazzjoni *ex post* tal-FSE. Huwa jippreżenta wkoll is-sejbiet ewlenin minn kampjun ta' analiżijiet imwettqa mill-Istati Membri bħala parti mill-obbligu tagħhom li jevalwaw l-implimentazzjoni ta' REACT-EU.

2. KUNTEST

Bejn l-2020 u l-2023, l-UE ntlagt minn sensiela ta' kriżijiet bla preċedent. Il-pandemija tal-COVID-19, li bdiet fil-bidu tal-2020, **ħolqot xokk f'daqqa u sever għall-ekonomiji, is-soċjetajiet u s-sistemi tal-kura tas-saħħa**. Il-kriżi tas-saħħa swiet il-ħajjiet, poġġiet is-sigurtà tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa f'riskju, u sfidat il-kost u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa. **Il-miżuri restrittivi introdotti biex iwaqqfu t-tixrid tal-virus irriżultaw fi kriżi ekonomika**, li l-impatt tagħha varja bejn is-setturi u t-territorji, u espona vulnerabbiltajiet bejn ir-reġjuni u l-gruppi soċjali, u riskja żieda fid-disparitajiet.

L-UE wieġbet għall-kriżi b'sensiela ta' azzjonijiet koordinati u kollettivi. B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-miżuri kienu jinkludu l-koordinazzjoni tas-saħħa, l-akkwist ċentralizzat tal-vaċċini, l-appoġġ finanzjarju għall-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi, u dispożizzjonijiet temporanji fiskali u ta' għajjuna mill-Istat biex jappoġġaw lill-Istati Membri. B'mod importanti, hija stabbiliet in-NextGenerationEU, l-akbar pakkett ta' stimolu fiskali introdott mill-UE sal-lum. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) kienet il-pedament ta' NextGenerationEU, u l-pakkett ipprovda wkoll riżorsi addizzjonali għall-politika ta' koeżjoni permezz ta' REACT-EU.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/2221.

² L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/2221.

Konsegwenzi L-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022 ikkawżat sensiela ta' kriżijiet ġodda b'konsegwenzi estensivi. **Waħda mill-aktar immedjati kienet l-ispostament ta' parti sinifikanti mill-popolazzjoni tal-Ukrajna lejn l-UE.** Sa tmiem l-2023, kważi 6 miljun Ukren spostat kienu ġew irreġistrati madwar l-Ewropa, b'4,2 miljun jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja fl-UE³. L-invażjoni aggravat ukoll kriżi li kienet teżisti minn qabel tal-enerġija hekk kif l-importazzjonijiet tal-gass naturali mir-Russja twaqqfu. Dan kellu impatt partikolarment negattiv fuq l-UE, li kienet tiddependi ħafna fuq sorsi esterni tal-enerġija. Filwaqt li l-kriżi tal-enerġija nħasset madwar l-Ewropa kollha, l-impatt tagħha varja b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi u r-reġjuni. Dawn il-kriżijiet suċċessivi sa ċertu punt ġew mitigati mill-miżuri pprogrammati bħala riżultat ta' REACT-EU. Dan ir-rapport jivvaluta REACT-EU fir-rigward tal-oġettivi inizjali tagħha.

3. INDIRIZZAR TAL-ĦTIĠIJET RELATATI MAL-KRIZIJET

Il-pandemija ħolqot hteġa konsiderevoli għal investimenti pubbliċi fis-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri u f'diversi setturi ekonomiċi, u poġġiet pressjoni fuq il-baġits nazzjonali. Il-kriżijiet ħolqu wkoll sfidi ta' implimentazzjoni għall-awtoritajiet tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, u għall-benefiċjarji. Il-miżuri tas-saħħa pubblika introdotti biex jitrażżan it-tixrid tal-virus għamluha partikolarment diffiċli biex jintlaħqu xi gruppi fil-mira, bħall-gruppi vulnerabbli u l-benefiċjarji f'żoni rurali remoti. Barra minn hekk, is-sospensjoni tax-xogħol fuq il-post wasslet għal dewmien u għall-waqfien temporanju ta' diversi proġetti infrastrutturali. It-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista u l-ġheluq tal-fruntieri kkumplikaw aktar l-inizjattivi transfruntieri. L-ambjent makroekonomiku inċert x'aktarx naqqas ukoll l-entużjażmu għall-involviment f'proġetti aktar fit-tul, inklużi dawk iffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni, u dan kompla ħalla impatt fuq l-isforzi ta' implimentazzjoni.

Il-qafas tal-politika ta' koeżjoni ġie adattat biex jappoġġa lill-Istati Membri fir-rispons għall-kriżijiet, biex jindirizza l-konġestjonijiet u biex itaffi l-pressjoni fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-baġits nazzjonali. REACT-EU pprovdiet riżorsi addizzjonali għall-qafas tal-politika ta' koeżjoni, li ssupplimentaw il-programmi 2014-2020 li diġà jinsabu għaddejjin⁴. Dan l-istrument tfassal biex itaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija, filwaqt li jappoġġa l-oġettivi ta' tranżizzjoni doppja. Il-finanzjament kien ikkonċentrat, bi tliet pajjiżi (l-Italja, Spanja u Franza) jirċievu kważi żewġ terzi tal-allokazzjonijiet totali.

³ Eurostat (2024), disponibbli [hawnhekk](#).

⁴ Il-formula ta' allokkazzjoni applikata għal REACT-EU kienet differenti mill-metodoloġija tas-soltu tal-politika ta' koeżjoni. Filwaqt li kienet tiffavorixxi lill-pajjiżi anqas żviluppati, iċ-ċavetta kienet tinkludi wkoll it-telf fil-Prodott Domestiku Gross (PDG) u l-impjiegi (taż-żgħażaġh).

Illustrazzjoni 1 Loġika ta' intervent rikostitwita ta' REACT-EU

Ħtiġijiet	Objettivi	Inputs	Outputs	Riżultati	Impatti
Likwidità biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li jirriżultaw minn żieda f'daqq u sinifikanti fl-infiq pubbliku meħtieġ għall-kura tas-saħħa u setturi ekonomiċi oħra, b'mod partikolari l-SMEs	Titrawwem it-tiswija tal-kriżijiet u jittejjja rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti permezz ta' <u>investment</u> fi: - Il-kura tas-saħħa - L-appoġġ lill-intrapriżi - It-tranżizzjoni doppja - L-investment fl-impjiegi, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali	- Likwidità u miżuri finanzjarji - Eliġibbiltà estiża - Flessibbiltà għat-trasferiment jew għar-riprogrammazzjoni tal-fondi - Simplifikazzjonijiet amministrattivi	- Operazzjonijiet ġodda/aġġustati - Riżorsi (ri)allokati biex jiġu miġġielda l-kriżijiet - Użu aktar rapidu tar-riżorsi u tnaqqis fil-piż amministrattivi	- In-nuqqasijiet fil-likwidità indirizzati - Żieda fin-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa - Żieda fin-nefqa pubblika fuq is-setturi milquta mill-kriżi tas-saħħa pubblika, u fuq l-SMEs	- Il-konsegwenzi tal-kriżijiet fuq l-oqsma ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa mitigati - Irkupru aktar mgħaġġel - Ir-riskji aktar fit-tul relatati mal-kriżijiet <u>mitigate</u>, inkluż - Tranżizzjoni ekoloġika u diġitali aktar mgħaġġla

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati kienu jħossu li REACT-EU kienet allinjata mal-ħtiġijiet emerġenti tal-pajjiżi u r-reġjuni tagħhom. Il-feedback kien partikolarment pożittiv fir-rigward tar-rilevanza tal-istrument fl-indirizzar tar-riperkussjonijiet ekonomiċi tal-pandemija. It-twaqqif tat-telf tal-impjiegi kkawżat mit-tnaqqis fid-domanda ekonomika kien kritiku. Il-biċċa l-kbira tal-appoġġ mill-FSE kien immirat lejn l-impriżi u l-impjegati biex jgħin hom iżommu l-impjiegi permezz ta' arranġamenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. L-appoġġ relatat mas-saħħa kien relattivament ġdid fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni u kien iffinanzjat l-aktar permezz ta' inizjattivi tal-Istati Membri. Minkejja dan, żewġ terzi tar-rispondenti għal sħarriġ⁵ kienu jħossu li REACT-EU kienet allinjata mal-ħtiġijiet relatati mas-saħħa.

4. RISPONS EFFETTIV U RAPIDU GĦALL-KRIŻIJET

REACT-EU kienet effettiva fl-indirizzar tal-impatti fuq is-saħħa u ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari permezz ta' investment fl-infrastruttura tas-saħħa u l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, Small and Medium-sized Undertakings)⁶ kif ukoll biex il-korpi ta' implimentazzjoni jkunu jistgħu jrawmu l-ħolqien tal-impjiegi u jiżguraw impjiegi ta' kwalità għolja⁷. L-Istati Membri użaw ir-riżorsi addizzjonali fi kważi nofs il-programmi⁸ u ffinanzjaw azzjonijiet essenzjali biex jappoġġaw is-setturi l-aktar fil-bżonn, filwaqt li ppreservaw ir-riżorsi allokat li għall-azzjonijiet tal-programm ippjanati oriġinarjament⁹.

Qasam importanti ta' appoġġ għall-intrapriżi kien jinkludi għotjiet ta' kapital operatorju għall-SMEs biex isostnu l-operazzjonijiet matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mill-pandemija. Fl-Italja, pereżempju, REACT-EU ipprovdiet appoġġ lil 91 218-il intrapriża b'allokazzjoni ta' EUR 1,2 biljun, li ggarantixxa finanzjament globali ta' aktar minn EUR 12-il biljun għall-intrapriżi. L-appoġġ ipprovdha rispons immedjat għall-ħtiġijiet ta' likwidità tal-

⁵ Li kien ikopri l-appoġġ ta' REACT-EU permezz tal-FEŻR.

⁶ Din is-sejba ġiet ikkonfermata minn żewġ studji ta' każijiet iddedikati tal-istudju ta' appoġġ tar-rispons għall-kriżijiet tal-FEŻR dwar l-SMEs u s-settur tas-saħħa u hija appoġġjata minn 88 % tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati dwar il-FEŻR.

⁷ L-istudju ta' appoġġ għall-evalwazzjoni *ex post* tal-FSE.

⁸ 45 %

⁹ Ara l-Anness VI tal-evalwazzjoni *ex post* tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni, l-istudju ta' appoġġ għar-rispons għall-kriżijiet u l-istudji ta' każijiet iddedikati tiegħu dwar l-SMEs u l-kriżi tas-saħħa.


intrapriżi, kif ukoll appoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħhom. Aktar minn 50 % tar-riżorsi ġew allokati lil reġjuni inqas żviluppati. L-impriża rċevew ukoll appoġġ effettiv biex jiproteġu l-impjiegi f'setturi ewlenin tal-ekonomija. Pereżempju, il-Programm għaż-Żamma tal-Impjiegi tal-Kroazja żamm lil 115 000 impjegat (6 % tal-forza tax-xogħol) b'impjeg¹⁰. Skemi simili għaż-żamma tal-impjiegi u miżuri oħra tas-suq tax-xogħol kienu jikkostitwixxu aktar minn kwart tal-inizjattiva (ara l-Illustrazzjoni 2 hawn taħt). REACT-EU mhux biss indirizzat il-ħtiġijiet urġenti li rriżultaw mill-kriżi iżda kkatalizzat ukoll investimenti strateġiċi. Xi wħud kienu mmirati lejn sfidi immedjati, bħall-espansjoni tal-kapaċità tal-isptarijiet, filwaqt li oħrajn iffukaw fuq it-tisħiħ tas-sistema tal-kura tas-saħħa fit-tul, inklużi investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp u t-tagħmir avanzat. Fi Franza, pereżempju, REACT-EU ffinanzjat tmien proġetti fl-isptar Besançon b'total ta' EUR 12-il miljun, filwaqt li ċ-Ċentru tas-Saħħa Universitarju ta' La Réunion akkwista skaner tat-Tomografija tal-Emissjoni tal-Pożizzjoni (PET, Position Emission Tomography), u kważi rdoppja l-kapaċità dijanjostika tiegħu. It-titjib iffinanzjat mhux biss żied il-kapaċità biex jiġu ġestiti l-impatti immedjati tal-pandemija tal-COVID-19, iżda kien ukoll ta' benefiċċju fi kriżijiet sussegwenti. Pereżempju, it-tagħmir mixtri matul il-pandemija kien strumentali fir-rispons għall-kriżi tar-refuġjati, kif muri miċ-Ċekja, li akkomodat 300 000 refuġjat mill-Ukrajna, li ħafna minnhom kellhom bżonn kura medika.

Il-Bulgarija – eżempju ta' appoġġ għall-integrazzjoni fix-xogħol għall-Ukreni spostati

Fil-Bulgarija, il-proġett “Solidarjetà” tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Impjiegi kellu l-għan li jintegra aktar minn 9 000 persuna spostata mill-Ukrajna fis-suq tax-xogħol billi joffri appoġġ psikoloġiku, konsulenza dwar il-karriera, u gwida professjonali mfassla apposta. Il-miżuri kienu jinkludu impjiegi sussidjati, supplimenti ta' integrazzjoni għall-akkomodazzjoni, inċentivi għall-impjegaturi għaż-żamma tal-impjiegi, u appoġġ ta' mentor bil-għan li jirriżultaw f'4 785 persuna b'impjeg. Il-proġett kien jinvolvi wkoll attivitajiet ta' komunikazzjoni u ġestjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-applikazzjoni.

¹⁰ L-istudju għall-evalwazzjoni *ex post* tal-FSE.

Illustrazzjoni 2 Investimenti tematiċi ewlenin ta' REACT-EU



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea. Nota: xi oqsma ta' intervent ġew immarkati għal temi multipli.

L-istrument kellu rwol ewlieni fl-appoġġ ta' inizjattivi ta' tranżizzjoni doppja billi ffinanzja investimenti fl-effiċjenza enerġetika, id-diġitalizzazzjoni u proġetti sostenibbli oħra¹¹. Dan l-appoġġ kien kruċjali biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-oġġettivi aktar wiesgħa tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-fokus fuq l-irkupru fit-tul u l-iżvilupp reġjonali¹². Fid-Danimarka, ġie pprovdut finanzjament addizzjonali biex jissaħħu l-miżuri eżistenti tal-programm, b'mod partikolari fit-tranżizzjoni ekoloġika u l-ekonomija ċirkolari. Peress li l-allokazzjonijiet inizjali għall-perjodu 2014-2020 kienu diġà ġew ikkuntrattati, ir-riżorsi addizzjonali ppermettew aktar investiment. L-Italja ppromwoviet it-tranżizzjoni ekoloġika tat-trasport pubbliku lokali billi xtrat karożżi tal-linja ġodda kompletament elettriċi, pereżempju f'Bologna (EUR 20 miljun) u f'Catania (EUR 8 miljun). **F'xi każijiet, il-bidliet saħħew il-fokus fit-tul.** L-SMEs appoġġati, minbarra li kienu protetti mill-effetti tal-kriżijiet, raw avvanzi fis-soluzzjonijiet diġitali u fl-iżvilupp tal-infrastruttura, adottaw teknoloġiji ġodda u naqqsu l-kostijiet. Pereżempju, l-intrapriżi fl-industrija tal-ospitalità użaw dawn il-fondi biex jagħmlu rinnovazzjonijiet u biex jintegraw software diġitali avvanzat biex jottimizzaw l-ipproċessar tal-ordnijiet u l-ġestjoni tal-klijenti.

L-Istati Membri użaw ir-riżorsi ta' REACT-EU b'diversi modi u adattaw ir-rispons tagħhom għall-kriżijiet skont il-ħtiġijiet li kienu qegħdin jevolvu¹³. B'mod importanti, il-flessibbiltà offruta ppermettiet ukoll lill-Istati Membri jallokaw ammonti akbar ta' riżorsi lit-territorji l-

¹¹ Ara l-istudju ta' appoġġ għar-rispons għall-kriżijiet; Nyman *et al.*, 2024; Spule u Toptsidou, 2024.


¹² Ikkonfermat mill-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati mistħarrġa, kif ukoll mill-evalwazzjonijiet nazzjonali inklużi fil-kampjun (l-Anness I).

¹³ L-istudju ta' appoġġ għar-rispons għall-kriżijiet u r-rapport speċjali 02/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

aktar fil-bżonn. Pereżempju, il-finanzjament allokat wassal għal bidliet sinifikanti fid-distribuzzjoni inizjali tar-riżorsi fil-Finlandja, b'fondi diretti lejn in-Nofsinhar u l-Punent tal-Finlandja, li kienu affettwati b'mod aktar sever mill-pandemija. Fl-Italja u fiċ-Ċekja, il-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji diretti tal-finanzjament ta' REACT-EU kienu entitajiet pubbliċi¹⁴.

Objettiv tematiku ddedikat ippermetta li jiġi ttraċċat il-progress irrappurtat. Hawn taħt qed tiġi ppreżentata għażla ta' indikaturi. B'mod ġenerali, il-progress ivarja ħafna bejn l-indikaturi u l-Istati Membri.

Illustrazzjoni 3 Progress fuq l-indikaturi ta' REACT-EU sal-2022¹⁵



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Minbarra li pprovdiet finanzjament addizzjonali, REACT-EU introduċiet flessibbiltajiet importanti. Dawn kienu jinkludu eliġibbiltà retroattiva, li kienet tkopri n-nefqa mġarrba qabel ma ġew aġġustati l-programmi. L-awtoritajiet tal-programm qiesu li l-għażla ta' kofinanzjament tal-UE b'rata ta' 100 % għenet biex jittaffa l-piż fuq il-baġits nazzjonali u ppermettiet li fondi addizzjonali mill-baġit tal-Istat jintużaw għal attivitajiet oħra meħtieġa. Fl-istess ħin, l-għan tal-kofinanzjament huwa li jnissel sens ta' sjieda fil-livell nazzjonali. Filwaqt li tali riskji ġew mitigati mis-sitwazzjoni ta' kriżi, dan l-element jista' jnaqqas il-kontrolli tal-Istati Membri, u b'hekk iżid ir-riskju ta' nfiq ineffiċjenti, peress li l-proġetti ffinanzjati kompletament mill-UE

¹⁴ Żewġ terzi fl-Italja. Tali data ta' kategorizzazzjoni ma hijiex disponibbli f'format aggregat. Għaċ-Ċekja, ara EY (2023).

¹⁵ Is-sena li għaliha kienet disponibbli l-aħħar data fil-ħin tal-kitba. Ara n-nota metodoloġika fl-Anness II.

¹⁶ 6 xhur wara t-tmiem tal-appoġġ

jinvolve riskju minimu għall-awtoritajiet nazzjonali¹⁷. Ġew introdotti wkoll miżuri ta' pefinanzjament biex jgħinu lil pajjiżi bħall-Polonja u r-Rumanija jlaħħqu mal-kriżi tar-refuġjati, billi jippermettulhom jużaw fondi ta' REACT-EU biex jipprovdu assistenza immedjata lill-persuni li jaslu mill-Ukrajna.

Filwaqt li l-finanzjament u l-flessibbiltà addizzjonali kienu kruċjali biex jiġi żgurat rispons rapidu, xi reġjuni ffaċċjaw sfidi amministrattivi fil-programmazzjoni mill-ġdid tal-fondi. L-aġġustament tal-prijoritajiet u d-distribuzzjoni tal-fondi addizzjonali kienu jeħtieġu kapaċità amministrattiva sinifikanti, li f'xi każijiet wasslet għal dewmien. Dan il-piż kompli jiġi aggravat mill-ħtieġa ta' tħejjija wkoll għall-programmi l-ġodda u t-tqassim gradwali tal-operazzjonijiet mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027.

Barra minn hekk, il-perjodu ta' implimentazzjoni kien qasir, u dan kien jippreżenta sfida għall-effettività. Il-benefiċjarji tal-proġetti kellhom iħejju u jibnu malajr diversi entitajiet tal-proġetti, jilħqu l-gruppi fil-mira, jintroduċu riċerka u innovazzjoni ġodda jew infrastruttura oħra meħtieġa, u jimplimentaw il-miżuri meħtieġa¹⁸. Dan huwa sostnut minn data fil-livell operazzjonali, li tissuġġerixxi li l-proġetti ta' REACT-EU kellhom it-tendenza li jkunu iqsar meta mqabbla ma' oħrajn matul il-perjodu 2014-2020. Dan, naturalment, huwa parzjalment marbut ukoll man-natura ta' ċerti interventi, pereżempju t-tagħmir tal-kura tas-saħħa jew il-kapital operatorju għall-SMEs. Is-sejbiet tal-istħarriġ żvelaw li l-iskadenza qasira għall-implimentazzjoni kkontribwiet għal dewmien f'ħafna proġetti, b'xi wħud finalment jiġu kkanċellati minħabba kriżijiet suċċessivi. Ir-rispondenti semmew ukoll id-diffikultajiet biex jagħżlu malajr proġetti li kienu allinjati mal-kundizzjonijiet u l-kategoriji ta' investiment meħtieġa skont REACT-EU, u dan żied id-dewmien.

Fil-kuntest ta' kriżi tas-saħħa li kienet qiegħda tevolvi b'rata mgħaġġla u bidliet fil-politika, ir-rispons rapidu u effettiv għall-pandemija tal-COVID-19 kien kritiku. Minkejja n-natura intrinsikament fit-tul tal-politika ta' koeżjoni, REACT-EU rnexxielha tuża r-riżorsi malajr. Għalkemm ipprovdiet riżorsi ġodda, it-tul tan-negozjati koleġiżlattivi kien inqas miż-żmien medju għal emendi komparabbli¹⁹. Saħansitra aktar importanti minn hekk, l-emendi għall-programmi ta' REACT-EU ġew ipproċessati f'terz taż-żmien meħtieġ għal dan il-għan meta mqabbel ma' qabel Frar 2020 (jiġifieri qabel il-kriżi). REACT-EU kienet rapida fil-mobilizzazzjoni ta' fondi sinifikanti biex jiġu miġġielda l-effetti negattivi tal-pandemija²⁰.

5. RISPONS KOORDINAT GĦALL-KRIŻIJET

L-introduzzjoni ta' REACT-EU kienet tiffirma parti minn sekwenza ta' inizjattivi kkoordinati kontra l-kriżijiet. L-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII/CRII+, Coronavirus Response Investment Initiative) intużat fl-istadji bikrija tal-pandemija bħala parti minn riorjentazzjoni tar-riżorsi minn investimenti strutturali fit-tul biex jintlaħqu l-ħtiġijiet urġenti ta' kriżi²¹. REACT-EU kienet kontinwazzjoni u espansjoni tal-

¹⁷ QEA (2023); Il-Parlament Ewropew, Kiss-Gálfalvi *et al.* (2024).

¹⁸ Nyman *et al.*, 2024.

¹⁹ 209 jum meta mqabbel ma' 220 (fl-2007-2013 u fl-2014-2020). Ċifri bbażati fuq ir-Rapport Speċjali 02/2023 tal-QEA.


²⁰ Ikkonfermat ukoll mir-rapport tal-2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

²¹ Aktar dettalji dwar il-mekkaniżmi kollha ta' kriżi tal-politika ta' koeżjoni jistgħu jinstabu fl-evalwazzjonijiet *ex post* tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni u l-evalwazzjoni *ex post* tal-FSE. Dwar is-CRII,

miżuri kontra l-kriżi introdotti mis-CRII u s-CRII+, iżda b'kamp ta' applikazzjoni u ambizzjoni ferm usa'. Hija pprovdiet finanzjament addizzjonali biex tappoġġa l-isforzi ta' rkupru aktar fit-tul, inkluż appoġġ għall-SMEs, is-saħħa u l-impjiegi. Xi investimenti strutturali fit-tul ġew posposti minħabba l-pandemija. Madankollu, il-finanzjament addizzjonali minn REACT-EU ippermetta li jittieħdu aktar azzjonijiet mingħajr ma tinbidel il-loġika oriġinali tal-programmi, filwaqt li jsir użu mill-programmi u l-istrutturi fis-seħħ.

REACT-EU aġixxiet ukoll bħala pont bejn il-perjodi ta' programmazzjoni u kellha rwol kruċjali fir-rivitalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' investiment, b'mod partikolari billi allinjat mal-oġettivi tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. Pereżempju, fil-Programm Operazzjonali tal-Awstrija dwar l-Investimenti fit-Tkabbir u l-Impjiegi għall-użu tal-fondi tal-FEŻR 2014-2020, REACT-EU serviet bħala mekkaniżmu tranżizzjonali, li ppermetta l-finanzjament ta' inizjattivi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Illustrazzjoni 4 Sekwenza tal-miżuri fiskali tal-UE kontra l-kriżijiet



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Il-fondi kkontribwew għaż-żamma tar-rati tal-impjiegi matul il-pandemija, flimkien mal-istrument għal Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE, Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency), permezz ta' miżuri mmirati biex jinżammu l-impjiegi u jiġi appoġġat l-adattament²². F'xi pajjiżi, SURE u REACT-EU ġew ikkombinati b'mod effettiv biex jiffinanzjaw l-iskemi għaż-żamma tal-impjiegi. Fi Spanja, pereżempju, EUR 2,7 biljun ta' riżorsi ta' REACT-EU kienu diretti għal xogħol b'ħinijiet iqsar²³.

ara wkoll l-Evalwazzjoni preliminari tal-appoġġ ipprovdut mill-FSE u l-FEAD taħt l-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+) - SWD(2023) 249 final.

²² L-istudju li appoġġa l-evalwazzjoni *ex post* tal-FSE sab evidenza soda tal-kontribut tal-operazzjonijiet ta' impjiegi relatati mal-pandemija mill-FSE taħt is-CRII. Filwaqt li d-data dwar REACT-EU hija aktar limitata, flimkien mas-CRII, l-evidenza mill-istudju ta' każijiet tindika wkoll effett pożittiv fuq il-kontribut għall-irkupru mill-pandemija fil-qasam tal-impjiegi, b'dan jiġi kkonfermat ulterjorment b'evidenza mill-ġbir ta' data primarja permezz ta' intervisti u sħarriġ.

²³ ICF (2024).

It-tfassil u l-implimentazzjoni rapidi ta' REACT-EU ġabu magħhom ukoll sfidi biex tiġi żgurata l-koerenza ma' strumenti oħrajn tal-UE. Kemm REACT-EU kif ukoll l-RRF kienu mmirati lejn setturi simili, bħall-ambjent tan-negozju u r-riċerka, u b'hekk inħoloq riskju ta' duplikazzjoni. Filwaqt li d-distinzjoni bejn iż-żewġ strumenti kienet ġeneralment ċara, dawn mhux dejjem kienu kkoordinati b'mod formali, u dan żied piż amministrattiv għall-awtoritajiet tal-programmi. L-urġenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet affettwat ukoll il-konsistenza interna, peress li l-ħeffa tal-implimentazzjoni xi drabi wasslet għal allinjament ħażin bejn l-oġettivi programmati mill-ġdid u l-operazzjonijiet proprji. Pereżempju, xi reġjuni inizjalment allokaw fondi għal proġetti relatati mas-saħħa iżda aktar tard identifikaw ħtiġijiet aktar urġenti f'setturi bħall-edukazzjoni u l-impjiegi, li kienu jirrikjedu aktar programmazzjoni mill-ġdid u kkawżaw dewmien.

L-evalwazzjoni sabet li r-rispons nazzjonali u l-attivitajiet ta' REACT-EU kienu koerenti, bl-istrument ikollu rwol komplementari importanti. Matul il-pandemija, il-miżuri appoġġati ffukaw fuq l-investiment u l-infrastruttura b'perspettiva aktar fit-tul, filwaqt li f'diversi pajjiżi l-fondi nazzjonali u reġjonali marru għal ħtiġijiet urġenti u inqas kumplessi (eż. il-vaċċini fiċ-Ċekja). Fil-livell reġjonali, l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni kienu kruċjali biex jipprovdu likwidità u flessibbiltà, b'mod partikolari għall-appoġġ lill-SMEs u l-miżuri ta' emerġenza, u b'hekk saħħew l-isforzi nazzjonali. L-evalwazzjoni ma sabet l-ebda evidenza ta' spostament ta' riżorsi nazzjonali jew ta' finanzjament doppju.

6. VALUR MIŻJUD TA' AZZJONI MILL-UE

L-evidenza miġbura tissottolinja li l-appoġġ permezz ta' REACT-EU ikkontribwixxa b'mod effettiv għall-irkupru ta' wara l-pandemija. Fl-istess ħin, ir-riżorsi mobilizzati għall-miżuri tal-politika ta' koeżjoni kontra l-kriżijiet, inkluż il-finanzjament ta' REACT-UE, kienu jikkostitwixxu sehem relattivament żgħir mir-rispons ġenerali għall-kriżijiet stabbilit mill-Istati Membri²⁴. Madankollu, il-finanzjament addizzjonali kien kruċjali għal ħafna reġjuni u setturi.

Valur miżjud importanti ta' REACT-EU kien li hija indirizzat l-appoġġ lir-reġjuni b'riżorsi finanzjarji limitati u fejn ir-riżorsi nazzjonali waħedhom ma setgħux jipprovdu miżuri kontra l-kriżijiet bl-istess ambitu. Billi żammet il-fokus territorjali tal-politika ta' koeżjoni, REACT-EU tat prijorità lill-appoġġ għar-reġjuni inqas żviluppati. Il-feedback tal-partijiet ikkonċernati u l-evalwazzjonijiet nazzjonali jikkonfermaw li mingħajr il-finanzjament ta' REACT-UE, l-iskala ġenerali tal-appoġġ, kif ukoll in-nefqa fuq investimenti fit-tul fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kienu jkun izgħar²⁵. Permezz ta' REACT-EU, il-programmi kellhom il-possibbiltà li jkomplu jappoġġaw investimenti orjentati lejn il-futur pjuttost milli jikkonċentraw kompletament ir-riżorsi fuq miżuri ta' emerġenza.

Barra minn hekk, il-fondi ta' REACT-EU kellhom effetti pożittivi mifruxa fuq id-durabilità tal-proġetti, il-baġits nazzjonali, gruppi fil-mira ġodda (eż. il-persunal tal-kura tas-saħħa), u l-ħeffa tal-implimentazzjoni, speċjalment f'oqsma relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, l-iżvilupp tal-kompetenzi, id-diġitalizzazzjoni, u l-assistenza medika. Barra minn hekk, fi

²⁴ Meta mqabbel mal-EUR 50,6 biljun ta' REACT-EU, ir-rispons nazzjonali għall-kriżi tal-SMEs immobilizza EUR 2,3 triljun fl-Istati Membri kollha, 11-il darba aktar mill-fondi mobilizzati għall-kriżi tas-saħħa (EUR 202 biljun) u erba' darbiet aktar minn daww mobilizzati għall-kriżi tal-enerġija (EUR 539 biljun).

²⁵ Ara l-istudju ta' appoġġ għar-rispons għall-Kriżijiet u s-sejbiet tal-evalwazzjonijiet nazzjonali fl-Anness II.

żmien meta l-miżuri kontra l-kriżijiet kienu ċentralizzati ħafna, REACT-EU għenet biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali baqgħu involuti fil-ġestjoni tal-kriżi.

7. KONKLUŻJONIJIET

REACT-EU kienet rapida u – meta wieħed iqis id-daqs ġenerali tagħha – effettiva fl-indirizzar tal-impatti fuq is-saħħa u ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19 kif ukoll biex tressaq lejn xulxin iż-żewġ perjodi ta’ programmazzjoni. Hija ressqet ’il quddiem l-implimentazzjoni tal-qafas li jmiss, b’mod partikolari permezz tal-miżuri ta’ rkupru li poġġew il-pedament għall-programmi 2021-2027 biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Istati Membri u tar-reġjuni. Barra minn hekk, REACT-EU għenet biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fir-rispons, filwaqt li ħafna mekkaniżmi oħra ta’ rispons għall-kriżijiet (kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f’dak nazzjonali) kienu aktar ċentralizzati.

Il-bidliet u l-miżuri introdotti mill-mekkaniżmi ta’ rispons għall-kriżijiet u REACT-EU kienu rilevanti biex jintlaħqu l-ħtiġijiet u l-isfidi emerġenti, b’mod partikolari permezz ta’ investiment fl-infrastruttura tas-saħħa u l-appoġġ għall-SMEs. REACT-EU mmobilizzat EUR 9,6 biljun biex tappoġġa miżuri tas-saħħa, inkluża l-infrastruttura tar-refriġerazzjoni tal-vaċċini li kienet kruċjali għad-distribuzzjoni tal-vaċċini. Barra minn hekk, REACT-EU pprovdiet għotjiet ta’ kapital operatorju lill-SMEs u sussidji tal-pagi lill-impjegati biex tghinjom jibqgħu fin-negozju u jibqgħu impjegati, rispettivament, matul it-tnaqqis fir-ritmu kkawżat mill-pandemija, u biex tiffaċilita l-irkupru permezz tar-ritorn tad-domanda ekonomika. Bħala parti mill-miżuri ġenerali ta’ rispons għall-kriżijiet, hija kellha rwol importanti biex jittaffa l-impatt ekonomiku negattiv fuq l-SMEs, b’madwar 1,5 % tal-SMEs tal-UE jibbenefikaw direttament mill-appoġġ ta’ REACT-EU. Bħala paragon, hija kienet tikkostitwixxi madwar 2 % tar-rispons fiskali globali għall-pandemija.

Il-kofinanzjament 100 % tal-UE neħħa l-ħtieġa tal-kofinanzjament nazzjonali, li kien partikolarment importanti f’reġjuni b’baġits aktar stretti, u dan ippermettielhom li jiċċaqilqu malajr.

REACT-EU aċċellerat l-implimentazzjoni peress li l-finanzjament addizzjonali żgura li l-Istati Membri setgħu jimmobilizzaw ir-riżorsi malajr mingħajr ma jkollhom għalfejn jiddevjaw il-fondi minn prijoritajiet oħra. Fl-istess ħin, il-perjodu qasir ta’ implimentazzjoni għall-użu tal-finanzjament ippreżenta xi sfidi għall-effettività ta’ REACT-EU. Il-benefiċjarji tal-proġetti kellhom iħejju u jibnu malajr diversi entitajiet tal-proġetti, jilhq u l-gruppi fil-mira u jwettqu riċerka u innovazzjoni ġodda. Filwaqt li l-finanzjament u l-flessibbiltà addizzjonali kienu kruċjali biex jiġi żgurat rispons rapidu, xi reġjuni ffaċċjaw sfidi amministrattivi fil-programmazzjoni tar-riżorsi. L-aġġustament tal-prijoritajiet u d-distribuzzjoni tal-fondi addizzjonali kienu jeħtieġu kapacià sinifikanti, li f’xi każijiet wasslet għal dewmien. Li jkun hemm objettiv tematiku ddedikat ippermetta li l-infiq u l-prestazzjoni jiġu ttraċċati, u b’hekk żdiedet it-trasparenza minkejja l-kuntest tal-kriżi.

Minkejja li kienet strument ta’ kriżi, REACT-EU baqgħet konsistenti mal-obiettivi aktar wiesgħa tal-politika ta’ koeżjoni, b’mod partikolari l-fokus fuq l-irkupru fit-tul u l-iżvilupp reġjonali. Hija offriet opportunità biex jiġu appoġġati l-infrastruttura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u l-intraprenditorija, u żgurat li r-reġjuni jkunu ppreparati aħjar għall-isfidi futuri. Il-miżuri ta’ REACT-EU kellhom ukoll rwol fl-appoġġ ta’ inizjattivi ta’ tranżizzjoni

doppja billi ffinanzjaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika, id-diġitalizzazzjoni u proġetti sostenibbli oħrajn.

REACT-EU nstabiet li kienet fil-biċċa l-kbira koerenti mal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE, b'allinjament ċar tal-għanijiet, speċjalment fir-rigward tal-kura tas-saħħa u l-appoġġ għall-SMEs fil-fażijiet inizjali. Madankollu, kien hemm każijiet ta' duplikazzjoni u kwistjonijiet ta' koordinazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-involviment tal-awtoritajiet tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni fit-tnejn tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Kemm l-evalwazzjonijiet *ex post* tal-perjodu 2014-2020 kif ukoll l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-perjodu 2021-2027 jikkonkludu li l-politika ta' koeżjoni għad trid tindirizza xi kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva u proċeduri kumplessi. Madankollu, l-eżempju ta' REACT-EU juri li anke **fi żminijiet ta' kriżi, is-sistema ta' konsenja tista' tkun mezz effettiv għall-iżborż tal-fondi u għall-ġestjoni tal-proġetti.**

LISTA TA' REFERENZI

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (2025), Rapport Speċjali 05/2025: Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa – Flessibbiltà akbar, iżda data insuffiċjenti tfixxkel il-valutazzjoni futura tal-effettività

Spatial Foresight, ÖIR, t33 u wiiw (2025 - dalwaqt) *WP12: Crisis response - Ex post evaluation of the 2014-2020 programming period* – referenza għalih bħala l-istudju ta' appoġġ għar-rispons għall-kriżijiet

Ir-Rapport Speċjali 05/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: *Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa*

Ir-Rapport Speċjali 02/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: *L-adattament tar-regoli tal-politika ta' koeżjoni biex jirrispondu għall-COVID-19*

Ecorys, Ismeri Europa, u 3s (2025 - dalwaqt): *Study supporting the ex-post evaluation of the 2014-2020 European Social Fund and Youth Employment Initiative*. – referenza għalih bħala L-istudju ta' appoġġ għall-evalwazzjoni *ex post* tal-FSE.

Kiss-Gálfalvi, T., Alcidi, C., Ounnas, A., Rubio, E., Crichton-Miller, H., Gojsic, D. (2024) *Lessons learned from the implementation of crisis response tools at EU level. Part I: Assessing implementation and implications*

Dozhdeva, V u Jabri, E. (2023) '*Reconciling crisis response and long-term objectives: Dealing with multiple pressures in Cohesion Policy programmes*', Report to the 53rd IQ-Net Conference.

Dozhdeva, V., & Fonseca, L. (2021) '*Chain REACTion: Shifting Cohesion Policy Priorities in a New Reality*.'

Böhme, K., Mäder Furtado, M., Toptsidou, M., Zillmer, S., Hans, S., Hrelja, D., Valenza, A., Mori, A., (2022a) *The impact of the COVID-19 pandemic and the war in Ukraine on EU cohesion. Part II: Overview and outlook*, Ricerka għall-Kumitat REGI. Il-Parlament Ewropew, id-Dipartiment tal-Politika għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, Brussell.

Böhme, K., Zillmer, S., Hans, S., Hrelja, D., Valenza, A., Mori, A., (2022b) *The impacts of the COVID-19 pandemic on EU cohesion and EU cohesion policy. Part I: Overview and first analysis*. Id-Dipartiment tal-Politika għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, Brussell.

Nyman, J., Heikkinen, B., Pitkänen, S., Ranta, T., (2024) *REACT-EU-LISÄRAHOITUKSEN ARVIOINTI*. MDI, Helsinki.

Spule, S., Toptsidou, M., 2024. *Évaluation des projets REACT-EU au Luxembourg*. Spatial Foresight, Heisdorf.

ICF (2024) *Evaluation of the European instrument for temporary Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency*.

EY (2023) *Vyhodnocení využití dodatečné alokace REACT-EU*